MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 600/2009/1

**John Baptist Sammut**

**v.**

**Marina Ciarlo`**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li pprezenta l-attur fid-19 ta’ Gunju, 2009, li jaqra hekk:

> “Illi l-intimata talbet u otteniet il-hrug ta’ diversi mandati ta’ sekwestru kawtelatorji intizi sabiex jikkawtelaw id-dritt taghha ghall-hlas tal-manteniment u sehma mill-kommunjoni tal-akkwisti.
>
> “Illi l-Mandati ta’ Sekwestru li taghhom intalab il-hrug u li effetivament inhargu huma tmienja u jgibu in-numri 2797/93, 1301/94, 2706/94, 3664/95, 1255/95, 1/95, 4557/98 u 5471/99.
>
> “Illi komplessivament l-allegat kreditu li qieghed jigi kawtelat b’dawn il-Mandati ta’ Sekwestru huwa in eccess ta’ sitt mitt elf liri Maltin (LM600,000).
>
> “Illi permezz ta’ sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-26 ta’ Mejju, 2006 fil-kawza fl-ismijiet: “Marina Sammut illum Ciarlo’ vs John Baptist Sammut” [Citaz. Nru. 1387/1993/1] l-esponent rikorrent gie kkundannat ihallas is-somma ta’ tlieta u tmenin elf liri Maltin (LM83,000) bhala kumpens u per saldo ta’ sehem martu, l-intimata f’dan ir-rikors, mill-kommunjoni ta’ l-akkwisti u ukoll in soddisfazzjoni ta’ kull dritt ta’ manteniment li hija ghandha jew jista’ jkollha kontra ll-konvenut f’dik il-kawza u allura l-esponent rikorrent f’dan ir-rikors. Skond l-istess sentenza l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut f’dik il-kawza u cjoe l-esponent rikorrent f’dan ir-rikors. Kopja informal ital-imsemmija sentenza tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dokument X.
>
> “Illi nonostante din is-sentenza li stabbiliet l-ammont issa dovut mir-rikorrent lill-intimata, din ta’ l-ahhar zammet il fuq imsemmija mandati ta’ sekwestru fermi sabiex illum qieghda tikkawtela ammont li bl-ispejjes u bl-imghaxxijiet ma jeccedix il-mitt elf liri Maltin (LM100,000) b’mandati ta’ sekwestru ghall-valur komplessiv in eccess ta’ sitt mitt elf liri Maltin (LM600,000).
>
> “Illi konsegwenza ta’ dan l-esponent kellu jistitwixxi kawza quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex jitlob ir-revoka tal-imsemmija Mandati ta’ Sekwestru [Rikors Numru: 03/2007 AF].
>
> “Illi fil-mori tas-smigh ta’ din il-kawza l-intimata harget il-kontro-mandati opportuni u talbet il-hrug ta’ Mandat Esekuttiv sabiex ikopri l-ammont dovut in forza tal-fuq imsemmija sentenza tas-26 ta’ Mejju, 2006.

"Illi ukoll fil-mori tal-kawza dak li kien dovut mill-esponent rikorrent skond l-imsemmija sentenza tas-26 ta' Mejju, 2006 lill-intimata thallas.

"Illi nonostante li issa l-vertenza bejn l-esponent rikorrenti u l-intimata u li fuq l-iskorta taghha gie ottenut il-hrug tal-mandati ta' sekwestru fuq imsemmija, intemmet, l-esponent rikorrenti jhoss li l-intimata ghandha tirrisarcih tad-danni kkawzati lilu konsegwneza tal-fatt li ghal snin shah hija zammet mandati ta' sekwestru kontra tieghu ghall-ammonti ferm aktar eccessivi minn dak dovut lilha u dan barra li talbet il-hrug ta' diversi mandati ta' sekwestru ghall-istess ammont minghajr ma talbet it-thassir ta' l-mandat ta' sekwestru ottenut precedentement ghall-istess ammont. Dan kollu jindika li t-talbiet tal-intimata ghall-hrug ta' hafna mill-Mandati ta' Sekwestru fuq imsemmija saru b'malizzja u kienu vessatroji.

"Illi in fatti konsegwenza ta' dan agir malizzjuz u vessatorju l-esponent rikorrent kellu diffikultajiet kbar sabiex jottjeni finazjamenti bankarji sabiex ikun jista' jizvolgi l-attivita' tieghu u jkabbar in-negozju tieghu u kawza ta' hekk garrab telf ta' qligh sostanzjali li sejjer jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza.

"Ghalhekk l-esponent rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi joghgobha:

"(1). tiddikjara lill-intimata responsabbli ta' agir malizzjuz u vessatorju meta talbet u otteniet il-hrug ta' Mandati ta' Sekwestri sabiex kollettivament jikkawtelaw ammont in eccess ta' dak li seta' kien dovut lilha, barra li talbet u otteniet il-hrug ta' Mandati ta' Sekwestru ghall-istess ammont kawtelat b'Mandat ta' Sekwestru ottenut precedentement minghajr ma talbet it-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru antecedenti;

"(2). tillikwida d–danni li l-esponent seta' garab konsegwenza tal-agir malizzjuz u vessatorju da parti tal-intimata okkorrendo dan permezz ta' periti mqabbda mill-istess Onorabbli Qorti;

"(3). tikkundanna lill-intimata thallas dawk id-danni likwidati skond it-talba precedenti

"Bl-ispejjez u bl-imghaxxijiet kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi preliminarjament it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti a tenur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, bid-dekors ta' sentejn mid-data tal-hrug tal-Mandati ta' Sekwestu kollha indikati mir-rikorrenti fir-Rikors Guramentat tieghu, kif ukoll mid-data tas-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-26 ta' Mejju 2006 li ddeterminat definittivament l-ammont dovut lill-eccipjenti mir-rikorrenti a saldu ta' kull dritt lilha spettanti;

"2. Illi preliminarjament ukoll, izda minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit illi l-azzjoni esperita mir-rikorrenti hija improponibbli u bla bazi legali u fattwali, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante illi r-rikorrenti kien diga` intavola, permezz tar-Rikors bin-Numru 3/2007/AF fl-ismijiet **John Baptist Sammut vs Marina Ciarlo`**, proceduri kontra l-eccipjenti fejn talab *inter alia* l-hlas tad-danni allegatament sofferti minnu bhala konsegwenza tal-hrug ta' l-istess Mandati ta' Sekwestru kawtelatorji mertu ta' dawn il-proceduri odjerni, **liema rikors gie cedut mill-istess rikorrenti "*stante transazzjoni*"** (kopja tan-nota ta' cessjoni relattiva hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. MC1) wara li nhargu l-kontro mandati kollha relattivament ghall-imsemmija Mandati ta' Sekwestru **a spejjez tar-rikorrenti stess**, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-Rikors, u dan sussegwentement ghal u ai termini tal-kuntratt pubbliku datat 22 ta' Gunju 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar konkluz bejn il-kontendenti (kopja hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. MC2), fejn **ir-rikorrenti obbliga ruhu illi jcedi u jirtira l-proceduri kollha pendenti kontra l-eccipjenti, kif effettivament kien ghamel**;

"3. Illi konsegwentement, wara t-transazzjoni milhuqa bejn il-partijiet u c-cessjoni tal-proceduri precedenti fuq indikati (Rikors Numru 3/2007/AF), mhux permess lir-rikorrenti illi jerga' jintavola fil-konfront ta' l-eccipjenti, proceduri kontenenti l-istess talba, cioe` t-talba ghall-hlas tad-danni minnu allegatament sofferti minhabba l-hrug ta' l-istess Mandati ta' Sekwestru kawtelatorji, stante li s'intendi dawn il-proceduri odjerni gew intavolati bi ksur ta' l-obbligazzjoni assunt mir-rikorrenti kif fuq premess;

"3. Illi fil-mertu, l-ewwel talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-Dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante illi l-hrug tal-Mandati ta' Sekwestu kawtelatorji, ghad li dawn nhargu fi zmien meta il-proceduri ghal separazzjoni personali bejn il-partijiet kienu ghadhom pendenti,

is-sehem ta' l-eccipjenti fil-komunjoni ta' l-akkwisti gja` ezistenti bejn il-partijiet kien ghadu mhux likwidat u il-manteniment stabbilit mill-Qorti kien ilu snin shah ma jithallas mir-rikorrenti, bl-ebda mod ma jista` jitqies bhala agir malizzjuz jew vessatorju da parti ta' l-eccipjenti, kif allegat;

"3. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess, u dejjem riferibbilment ghall-ewwel talba tar-rikorrenti, ir-rikorrenti sabiex jirnexxi fit-talba tieghu, ghandu jgib prova konkreta illi l-eccipjenti agixxiet in malafede, b'qerq, dolo jew negligenza gravament kolpuza fil-konfront tieghu, u dan fuq l-iskorta tal-principji konsistentement enuncjati mill-Qrati taghna f'dan ir-rigward;

"4. Illi effettivament, ghandu jirrizulta illi l-eccipjenti kienet aktar minn pienament gustifikata illi titlob il-hrug ta' Mandati ta' Sekwestru differenti in kawtela ta' l-entita` tas-sehem minnha pretiz mill-komunjoni ta' l-akkwisti, li difficilment seta' jigi kkwantifikat minhabba l-manuvri u raggiri tar-rikorrenti (per ezempju zieda qarrieqa fix-*sharecapital* ta' kumpanniji li l-ishma taghhom kienu jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwsiti ezistenti bejn il-partijiet), u ta' l-arretrati tal-manteniment li kull ma jmur dejjem kienu qed jakkumulaw minhabba nuqqas kostanti ta' l-istess rikorrenti illi jhallas l-ammonti stabbiliti mill-Qorti in linea ta' manteniment ghat-tliet uliedu minuri, u ghalhekk, it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda;

"5. Illi inoltre, fir-rigward tat-tieni talba tar-rikorrenti, din ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti bhala infondata fil-fatt u fid-dritt, stante illi r-rikorrenti ma soffra l-ebda danni per konsegwenza tal-hrug tal-Mandati ta' Sekwestru minnu indikati, u ghalhekk ma hemm l-ebda danni x'jigu likwidati kif mitlub;

"6. Illi konsegwentement, it-tielet talba wkoll ghandha tigi michuda u l-eccipjenti ma ghandhiex tigi kkundanata thallas l-ebda danni lir-rikorrenti;

"7. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit illi tant mhux minnu li r-rikorrenti sofra xi danni minhabba l-hrug tal-Mandati ta' Sekwestru mertu ta' dawn il-proceduri illi qatt ma hass il-bzonn li jitlob ir-revoka ta' dawn il-Mandati u, *ex admissis,* l-ewwel darba li huwa ddecieda li jutilizza r-rimedju lilu provdut mill-Ligi biex ifittex jottjeni r-revoka tal-Mandati in kwistjoni u l-hlas tad-danni konsegwenzjali a tenur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 836 tal-

Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kien fl-2007, ben erbatax-il sena wara l-hrug ta' whud mill-imsemmija Mandati, u dan permezz tar-Rikors fuq imsemmi fl-ismijiet **John Baptist Sammut vs Marina Ciarlo`** [Rikors Numru 3/2007/AF];

"8. Illi jigi eccepit ulterjorment illi in kwantu r-rikorrenti seta' jagixxi bil-procedura ta' Rikors ipprezentat ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 836(9) kif del resto kien diga` ghamel in virtu` tar-Rikors bin-Numru 3/2007/AF fl-ismijiet **John Baptist Sammut vs Marina Ciarlo`**, minflok bil-procedura tar-Rikors Guramentat kif effettivament ghamel f'dan il-kaz odjern, huwa zied l-ispejjez bla bzonn u ghalhekk, in ogni caso u dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

"9. Illi fl-ahhar lok, dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti ma ghandhiex, in ogni caso, tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri stante illi hija qatt ma rceviet l-ebda interpellazzjoni bi kwantifikazzjoni tad-danni pretizi mir-rikorrenti izda giet, minflok, rinfaccata bl-iktar mod spontaneju u hesrem b'dawn il-proceduri ghall-hlas tad-danni wara illi ghaddew iktar minn sentejn minn meta l-kontendenti ittransigew il-pendenzi kollha ta' bejneithom bil-kuntratt imsemmi fl-atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar tat-22 ta' Gunju 2007, liema proceduri ghandu jirrizulta illi saru frivolozament u vessatorjament u bl-intiza cara li jiddejqu lill-eccipjenti u jcahhdulha mis-serenita` li qieghda fl-ahhar tgawdi wara sittax-il sena ta' proceduri gudizzjarji mar-rikorrenti, li hafna minnhom gew istitwiti mill-istess rikorrenti bhala vendetta ingustfikata kontra l-eccipjenti, kif del resto giet istitwita wkoll din il-kawza *de quo*.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jitressqu skond il-ligi."

Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Ottubru, 2010, li in forza taghha laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u ddikjarat illi t-talbiet tal-attur huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi din hija sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta fis-sens illi t-talbiet tal-attur huma preskritti a tenur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk :

> “L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn.”

“Ikkunsidrat :

“Illi l-gurisprudenza nostrana tghallem illi l-gharfien tal-jedd mid-debitur irid ikun car u univiku. Semplici kollokwi jew konverzazzjonijiet bejn il-kreditur u d-debitur ma jammontawx ghar-rikonoxximent tad-dejn u ghalhekk qatt ma jistghu jinterrompu il-preskrizzjoni jew jigu interpretati bhala rinunzja da parti tad-debitur ghall-preskrizzjoni li tkun iddekorriet favur tieghu (Vide sentenza ta’ din il-Qorti tal-15 ta’ Ottubru 2003 fl-ismijiet Perit Arkitett Joseph Barbara vs Segretarju Tal-War Damage Commission u vide ukoll sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Superjuri tat-30 ta’ Mejju 2003 fil-kawza fl-ismijiet Dominic Department Stores Ltd. vs Malta Dairy Products Ltd.).

“Illi ghalhekk sabiex ikun hemm interruzzjoni ta’ preskrizzjoni irid ikun hemm ir-rikonoxximent tad-debitu da parti tad-debitur u dan ir-rikonoxximent irid ikun car u esplicitu.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-attur u il-konvenuta f’din il-kawza ghaddew minn proceduri ta’ separazzjoni illi gew decizi finalment mill-Qorti ta’ l-Appell fis-26 ta’ Mejju 2006.

“Illi matul il-kors tal-proceduri tas-separazzjoni il-konvenuta ottjeniet diversi mandati ta’ sekwestru fil-konfront ta’ zewgha l-attur.

“Illi wara illi l-kawza giet deciza finalment kif fuq inghad, il-partijiet iffirmaw kuntratt fit-22 ta’ Gunju 2007 u l-attrici xehdet illi wara din id-data, jigifieri it-22 ta’ Gunju 2007, hija ma irceviet l-ebda att gudizzjarju, jew xi tip ta’ interpellazzjoni kemm ufficjali, kif ukoll mhux ufficjali, minghand l-attur ghall-hlas ta’ xi danni.

“Ikkunsidrat :

“Illi il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tas-26 ta’ Mejju 2006 u rat illi permezz ta’ din is-sentenza il-Qorti ta’ l-Appell cahdet l-appell imressaq minn John Baptist Sammut, l-attur f’din il-kawza.

“Illi ghalhekk il-Qorti rat ukoll is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta’ Novembru 2004 u osservat illi permezz ta’ din is-sentenza il-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, l-attur f’din il-kawza.

“Illi fis-sentenza taghha, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili rat illi l-kawza bejn il-partijiet kienet twalet ferm, anke minhabba l-pika ezagerata bejn il-partijiet. Il-Qorti rat ukoll il-mod kif mexa l-konvenut, l-attur f’din il-kawza, partikolarment dwar il-manteniment pendente lite, anke ghal dak li kien jirrigwarda manteniment ghal uliedu minuri waqt il-mori tal-kawza, u rat illi l-allegazzjonijiet tal-konvenut, l-attur f’din il-kawza, kontra l-attrici, il-konvenuta f’din il-kawza, ma gewx ippruvati u illi ix-xiehda tieghu ma kienitx wahda kredibbli.

“Illi l-Qorti rat ukoll illi l-konvenut, attur f’din il-kawza, kien ammetta hu stess illi kien jaqa lura fil-pagamenti tal-manteniment dovut lill-martu u lill-uliedu. Il-Qorti rat illi l-attur f’din il-kawza kien istitwixxa proceduri ohrajn, Rikors Nru

3/2007, fejn kien talab lill-Qorti sabiex tirrevoka l-mandati ta’ sekwestru u tikkundanna lill-martu, konvenuta f’din il-kawza, sabiex thallsu penali u thallsu ukoll danni illi huwa allegatament kien garrab bil-hrug ta’ l-istess mandati ta’ sekwestru. Il-Qorti rat illi l-konvenuta f’din il-kawza kienet ghadha ma thallset xejn mill-ammont dovut lilha mill-attur meta kienu gew istitwiti dawk il-proceduri, u dan kien imur kontra d-decizjoni tal-Qorti tas-26 ta’ Mejju 2006, u illi fl-atti tar-rikors imsemmi il-konvenuta f’din il-kawza kienet iddikjarat illi ma kellha l-ebda oggezzjoni illi l-mandati ta’ sekwestru jigu revokati limitatament ghall-ammont dovut lilha in forza tas-sentenza tas-26 ta’ Mejju 2006, kemm il-darba ir-rikorrenti, attur f’din il-kawza, igib prova illi ser tigi jew effettivament diga kienet giet depozitata fir-registru tal-Qorti somma sufficjenti sabiex tikkawtela l-ammont effettivament dovut lilha mir-rikorrenti, attur f’din il-kawza.

“Illi fit-13 ta’ Lulju 2007, ir-rikorrenti John Baptist Sammut, attur f’din il-kawza, ceda l-atti tal-kawza Rikors Guramentat Nru 3/2007 in vista ta’ transazzjoni bejn il-partijiet u il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dawk il-proceduri.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Qorti taqbel illi fil-kaz odjern fejn qeghda tintalab likwidazzjoni u hlas ta’ danni allegatament sofferti mill-attur kawza ta’ l-allegat agir malizjuz da parti tal-konvenuta fil-hrug tal-mandati ta’ sekwestu kawtelatorji fil-mori tal-proceduri tas-separazzjoni, il-perjodu preskrittiv applikabbli huwa dak ta’ sentejn, kif jipprovdi l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

“Illi l-Qorti rat illi l-attur ma ressaq l-ebda provi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u naqas ukoll milli jipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet.

“Illi kif jirrizulta mid-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili, f’materja ta’ preskrizzjoni, iz-zmien jibda jiddekorri mid-data li fiha l-azzjoni tista’ tigi ezercitata.

“Illi isegwi illi fil-kaz odjern jekk l-attur sofra xi danni kif qieghed jallega illi sofra minhabba l-hrug tal-mandati ta’ sekwestru, huwa sofra dawn id-danni fiz-zmien meta il-mandati ta’ sekwestru relattivi kienu ghadhom in vigore u mhux

wara illi gew revokati, u jirrizulta effettivament illi il-mandati imsemmija gew revokati f'Mejju 2007.

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-kontro-mandati relattivi ghall-manati ta' sekwestri kollha in kwistjoni inhargu fil-11 ta' Mejju 2007.

"Illi irrizulta wkoll illi ir-rikors guramentat odjern gieipprezentat fid-19 ta' Gunju, 2009, u ghalhekk sentejn u xahar wara illi l-istess Mandati ta' Sekwestru gew revokati.

"Illi l-attur naqas milli iressaq xi prova illi matul dan il-perjodu imsemmi huwa interrompa b'xi mod id-dekors tal-perjodu preskrittiv permezz ta' xi att gudizzjarju notifikat lill-konvenuta li permezz taghha interpellaha sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni allegatament sofferti minnu tort tal-hrug tal-mandati ta' sekwestru fuq imsemmija.

"Illi lanqas ma jista jinghad illi meta l-attur intavola proceduri permezz ta' rikors Nru 3/2007 fil-konfront tal-konvenuta f'dawn il-proceduri, dawn il-proceduri setghu iservu bhala xi interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv, u dana peress illi ir-rikorrenti, attur f'din il-kawza, ceda dawk l-atti, u ai termini tal-Artikolu 907 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, cessjoni ghandha l-istess effetti tad-dezerzjoni u konsegwentement qatt ma tista isservi bhala interuzzjoni ta' preskrizzjoni.

"Illi dan il-principju huwa ukoll assodat fl-Artikolu 2132 tal-Kodici Civili illi jghid illi l-ksur tal-preskrizzjoni maghmul b'talba gudizzjarja jitqies bhallikieku ma sarx, jekk l-attur jirrinunzja ghat-talba u ma jimxix skond il-procedura delineajata fl-Artikolu 2132 (2) tal-Kap. 16, u effettivament l-attur ma ressaq l-ebda prova fis-sens illi huwa mexa skond kif irid l-Artikolu 2132 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li, ghar-ragunijiet minnu premessi talab li din il-Qorti joghgobha:

> "… … … tannulla u/jew tirrevoka u thassar id-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti tat-28 ta' Ottubru, 2010 li biha laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-intimata appellata ossija dik tal-preskrizzjoni u dan a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili u ddikjarat it-talbiet tar-rikorrent appellant preskritti u konsegwentement jew tirrinvija l-atti ta' dan ir-rikors ghal quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti sabiex tkompli tisma' ir-rikors jew f'kaz li taghzel li tisma' r-rikors hija, tilqa' t-talba tar-rikorrent appellant kif kontenuta fir-rikors tieghu wara li tichad kull eccezzjoni jew argument imressaq mill-intimata appellata sabiex it-talba tar-rikorrent appellant ma tigix milqugha u dan kollu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimata appellata."

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti li l-appell tal-attur ghandu jigi michud, u s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata fl-interezza taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob danni minghand martu in vista tal-hsara li sofra meta martu talbet u ottjeniet fil-konfront tieghu il-hrug ta' diversi mandati kawtelatorji tul il-pendenza tal-kawza ta' separazzjoni personali li kienet

ghaddejja bejniethom. Is-separazzjoni tal-partijiet giet definita minn din il-Qorti b'sentenza tas-26 ta' Mejju, 2006. Peress illi din il-kawza infethet aktar minn sentejn mid-data tas-separazzjoni, l-ewwel Qorti, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civilim iddikjarat l-azzjoni tal-attur perenta.

L-attur appella mis-sentenza u jissottometti illi fit-termini tal-Artikolu 2123(a) tal-istess Kodici Civili, il-preskrizzjoni ma timxix "*bejn ir-ragel u l-mara*", u dan hekk jibqa' avolja l-konjugi huma separati.

Din il-Qorti, wara li studjat il-materja, taqbel mas-sottomissjoni tal-attur. Is-separazzjoni ma ggibx fi tmiemha r-relazzjoni ta' ragel u mara mizzewga, izda tawtorizza biss il-firda taghhom. Is-separazzjoni ggib biss attenwazzjoni fir-rapport maritali, izda l-koppja tibqa' titqies mizzewga, tant li s-semplici fatt ta' rikonciljazzjoni jittermina l-effetti personali tas-separazzjoni minghajr ebda htiega ta' formalita` ulterjuri.

Il-konvenuta torbot l-iskop ta' dan l-artikolu mal-ezistenza tar-regim tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, u tghid li darba gie terminat dan ir-regim ma hemm xejn li josta ghad-dekors taz-zmien ghall-estinzjoni tal-azzjonijiet spettanti lill-partijiet. Koppja mizzewga, pero`, mhux bil-fors li jkollha r-regim finanzjarju taghha regolat bis-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti, u l-ligi

tissospendi l-preskrizzjoni bejn ir-ragel u l-mara anke jekk bejniethom topera sistema ta' separazzjoni tal-beni. Is-sospensjoni tal-preskrizzjoni hija relatata mal-istat taz-zwieg, u dment li dan ghadu jissustixxi, tezisti bejn il-koppja relazzjoni li ma tippermettix li jibda jiddekorri z-zmien tal-preskrizzjoni fir-rigward ta' pretensjonijiet reciproci. Is-separazzjoni, kif jiddisponi l-Artikolu 35 tal-Kodici Civili, iggib fi tmiemha "*l-obbligu ta' bejniethom li jghixu flimkien*", pero`, ma ttemmx ir-rabta. Tant hu hekk li jekk wara s-separazzjoni, il-mara jew ir-ragel ikollhom relazzjoni intima ma' barrani, huma jkunu teknikament hatja ta' adulterju.

Il-Kodici Civili Taljan ghandu provvediment simili, u l-posizzjoni tad-duttrina u l-gurisprudenza tidher li hi konformi mal-fuq premess. Hekk il-Giorgi, "Teoria delle Obbligazioni", Vol. VIII para. 257, jghid b'mod car li s-sospensjoni tal-preskrizzjoni "*si applica anche` nel caso di separazione personale o di beni tra marito e moglie*", u jirreferi ghal diversi awturi ohra in sostenn ta' din it-tezi; fosthom, Pothier, Aubry et Rau, Troplong, Marcade` u Laurent, kollha awturi li l-qrati taghna soltu jirreferu ghall-illuminazzjoni fuq xi punt ta' interpretazzjoni tal-ligi civili.

L-istess ir-Ricci, "Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile" – "Della Prescrizione", para. 175, huwa tal-istess fehma. Hu jghid dan fir-rigward

> “*La sospensione stabilita dalla legge a riguardo dei coniugi, come in ordine alle altre persone designate nell’art. 2119, e` concepita nei termini I piu` ampli, onde si estende alla prescrisione di qualsiasi specie, ed anche alla quinquennale concernente le rendite e gl’interessi d’un capitale. Ne` la causa di sospensione puo` dirsi venuta meno allorche` siasi tra coniugi pronunciata la separazione di corpo, si perche`, durante anche la separazione, non viene meno in essi la qualita` di coniugi, in riguardo alla quale la legge ha posto un impedimento al corso della prescrizione, e si perche` il legislatore ha interesse di facilitare la riunione dei coniugi, e di rimuovere percio` qualunque ostacolo o pretesto al ristabilimento dell’affetto e dell’armonia tra gli sposi.*”

Anke il Corte Suprema di Cassarione fl-Italia, b’sentenza tat-23 ta’ Awwissu, 1985, fil-kawza numru 4502, osservat fl-istess sens li, “*La prescrizione dei diritti del coniuge non ha luogo durante il matrimonio, ancorche` i coniugi siano separati*”. Kompliet tispjega dik il-Qorti

> “*Se la separazione ratifica parenteticamente nel rapporto coniugale un momento di “crisi”, la sospensione della prescrizione ciononostante perdurante ben si armonizza con il favor matrimoni, in quanto consente ai coniugi di attendere il raffreddamento delle tensioni, senza esasperarle con la proposizione di domande giudiziarie sotto la spada di Damocle della prescrizione, che invece hanno ragione d’essere avanzata quando ormai il vincolo coniugale si e` definitivamente spezzato.*
>
> *Puo` anche convenirsi che socialmente la separazione sia diventata l’anticamera del divorzio piu` che un momento di riflessione e ripensamento prima di riprendere la vita di coppia; ma tale notazione, suscettibile di influenzare una scelta diversa del legislatore, non vale di per se` a giustificare un mutamento di indirizzi giurisprudenziali; non potendosi richiedere al giudice, quando la norma e` univoca, di farsi mediatore di esigenze emergenti nel contesto sociale.*
>
> *In tema di sospensione della prescrizione, trattandosi di deroga alla regola generale per cui la prescrizione corre indistintamente contro tutti, vale il principio della stretta interpretazione, sicche` anche sotto questo profilo formale resta esclusa la legittimita` di una operazione ermeneutica del tipo di*

> *quella suggerita dal ricorrente e si deve ribadire che la sospensione dettata con riferimento ai coniugi opera finche` il rapporto di coniugio sussiste, fino a quando cioe` il matrimonio non viene meno, o per annullamento, o per morte di uno dei coniugi o per divorzio. Solo l'annullamento o lo scioglimento del matrimonio comporta che la prescrizione riprenda a correre; tale effetto non puo` ricollegarsi, invece, alla sentenza di separazione personale (essendo del tutto evidente la irrilevanza giuridica di una mera separazione di fatto, o del tempo decorrente a partire, dalla mera autorizzazione presidenziale ai coniugi di vivere separati).*"

Isegwi allura, li l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata minn mart l-attur hija improponibbli f'dan l-istadju.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-28 ta' Ottubru, 2010, u tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta fl-ewwel eccezzjoni preliminari taghha.

Minhabba n-novita` tal-materja, l-ispejjez marbuta ma' dan l-incident jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

L-atti qed jigu rinvjati ghal quddiem l-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' l-kaz skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------